

Data dwar id-defiċit f'Valenzja: Spanja mmultata għal rappurtar ħażin

Fit-13 ta' Lulju 2015 il-Kunsill immulta lil Spanja **s-somma ta' €18.93 miljun** minħabba l-manipulazzjoni tad-data dwar id-defiċit fil-Komunità Awtonoma ta' Valenzja (Comunidad Valenciana).

Il-multa hi marbuta l-aktar man-**nuqqas ta' reġistrazzjoni tan-nefqa tas-saħħa** u n-nuqqas ta' rispett għall-**prinċipju tad-dovuti** mill-uffiċċju tal-awditur reġjonali.

Investigazzjoni mmexxja mill-Kummissjoni sabet **negliġenza serja fl-uffiċċju tal-awditur reġjonali** tal-Komunità Awtonoma ta' Valenzja. Din in-negliġenza wasslet għal rappurtar mhux korrett minn Spanja tad-data tagħha dwar l-amministrazzjoni pubblika f'Marzu 2012 lill-Eurostat, l-uffiċċju tal-istatistika tal-UE. Ir-rappurtar ħażin waqaf fl-2012.

Din hija **l-ewwel darba** li nġhatat multa għal manipulazzjoni ta' data skont ir-regolament 1173/2011. Ir-regolament ġie adottat fl-2011 bħala parti minn tisħiħ tas-sorveljanza fiskali tal-UE.

Id-data dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern huma element essenzjali għall-koordinament tal-politika ekonomika fil-livell tal-UE. Il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni, jista' jiddeċiedi li jimponi multa fuq stat membru taż-żona tal-euro għall-finijiet tal-infurzar tas-sorveljanza tal-baġit. L-għan huwa li jiskoraġġixxi r-rappreżentazzjoni ħażina tad-data dwar id-defiċit u d-dejn, sew jekk intenzjonali kif ukoll minħabba negliġenza serja.

Id-deċiżjoni ttieġdet f'laqgħa tal-Kunsill Agrikoltura u Sajd, mingħajr diskussjoni.

- [Deċiżjoni li timponi multa għall-manipulazzjoni ta' data fil-Komunità Awtonoma ta' Valencia](#)

Press office - General Secretariat of the Council of the EU

Rue de la Loi 175 - B-1048 BRUSSELS - Tel.: +32 (0)2 281 6319

press@consilium.europa.eu - www.consilium.europa.eu/press